**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA 25 TA' SETTEMBRU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Celeiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia.

**ASSENTI**

--

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **4.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 4.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa permezz ta' messaġġ fuq whatsapp, li ma jistax jattendi għal din is-sedua. |
| | | |
| **4.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 4.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tielet seduta. |
| | | |
| ***4.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 4.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Fl-20 ta' Ottubru ser isir id-dberik tal-annimali, f'Bubaqra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • The Malta Foundation for the Wellbeing Society jridu li jsir Kunsill tat-tfal. Dawn tellgħu poster fuq fb tal-kunsill, biex jinkoraġġixxu lit-tfal bejn is-6 snin u 16 -il sena, biex jipparteċipaw. L-ewwel laqgħa ser tkun fit-13ta' Novembru u ser jibdew jiltaqgħu darba fix-xahar.<br>• Kellha laqgħa mal-Onor. Ministru Owen Bonnici fuq Fuq il-Festi. Ser tkun attivita li turi lit-tfal kif jagħmlu liedna, u affarijiet fuq il-festi. Ser ikun hemm bandisti minn kull banda ta' Malta u f'kull raħal ser itellgħu l-murtali. Is-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill jagħmel trasport għal kull min irid jattendi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fl-aħħar attivita tal-anzjani ġie ssuġġeriet li kull xahar torganizza attivita. Ser tibda torganizza attivita kull xahar minħabba d-domanda li qed ikollha. Kien hemm qbil li l-attivta li jmiss tkun il-Birgu u wara weekend break.<br>• Fid-19 ta' Ottubru ser isir iż-żbier taż-żebbuġ minn fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Ser jiġu mistoqsija l-iscouts biex jgħinu fil-proċess. |
| | | |
| 4.3.2 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Kellha laqgħa ma Infrastracture Malta fuq programm ta' proġett ġdid ta' Vjal Kulħadd. Issuġġeriet li issir Vjal l-Indipendenza billi jitwessgħu l-bankini u jitneħħew l-arbli wisgħajn u jitpoġġew arbli aktar dojoq u jekk hu possibbli jsir culvert taħt il-bankini u ranep fit-truf. Dan biex ikun hemm aktar aċċessibilta fuq il-bankina u jitnaqqas il-veloċita tal-vetturi minħabba li t-triq tidjieq bi ftit.<br>• Issuġġeriet ukoll li l-Kunsill japplika għal tisbieħ ta' Misraħ Santa Marija ukoll. |
| | | |
| ***4.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 4.4.1 | | Il-Kunsillier Jeremy Coleiro qal:<br>• intalab culvert fi Triq Sant Agatha u side roads f'Bubaqra minħabba l-ilma tax-xita. Ma kienx hemm qbil, minħabba li jekk isir culvert, irid ikun hemm fejn jispiċċa l-ilma li jinġabar, u fl-akwati m'hemmx fejn. |
| | | |
| 4.4.2 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal:<br>• Biex f'kull tarf ta' bankina (fejn hemm rampa) fi Triq il-Belt Valletta, jsiru flexible bollards għax il-vetturi qed jibqgħu tegħlin fuq il-bankina u jostakolaw ir-ranep. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isir arblu b'bozza fi Triq il-Paċi f'Ħal Far minħabba nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 4.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• Il-bankijiet tal-injam li hemm fi Ġnien il-Ġibjun qed ikunu pussessati minn min għandu l-ħanut. Hemm bżonn li tintbagħat notifika bil-miktub li dawk il-bankijiet huma tal-pubbliku u mhux ta' sid il-ħanut. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Fejn il-Mitħna tax-Xarolla hemm kaxxa tal-injam fejn joqgħodu l-qtates, hemm bżonn biex tinbidel u jsiru ġodda.<br>• Biex isiru cctv aħjar fejn il-Mitħna tax-Xarolla ħalli min jabbuża jinqabad.<br>• Staqsiet meta ser isir it-tisbieh f'Ħal Millieri mill-PW. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja ma' PW.<br>• Rigward il-kunċert tal-orkestra, ser jinħareġ poster għall-ewwel ġimgħa ta' Ottubru. Għandu jiġi offrut transport għal dak li jixtiequ jattendu.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Dino Bonnici 17:30 |
| | | |
| 4.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Li l-bankina li saret fi Triq Santa Katarina hemm bżonn li ssir rampa għax il-bankina ġiet ftit għolja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm żewġ pjanti fil-pots ta' Triq P P Saydon, jinsabu nixfien u jeħtieġ li jinbidlu.<br>• Hemm bżonn li l-arċipriet jieħu ħsieb iċ-ċimiterju, mill-binja taċ-ċimiterju u minħabba l-wirdien.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kyle Mifsud 17:44. |
| | | |
| 4.4.4 | | Il-Kunsillier Marylin Farrugia:<br>• hemm bżonn li ssir kaxxa safra żgħira (junction box) quddiem il-bieb ta' resident fi Triq Fortunato Dalli, għaliex għandu diżabilita. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq it-Torri biex isiru parking bays.<br>• Biex isiru kaxxi tal-qtates fi Triq San Martin – ma kienx hemm qbil.<br>• Biex isir Christmas Market f'Bubaqra. Ser isir ftehim mal-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |
| 4.4.5 | | Il- Kunsillier Dino Bonnic qal:<br>• Fi Triq Bronja hemm Bozza ma tixgħelx u jiżdidilha l-vultaġġ meta tissewwa.<br>• Nitolbu lit-TM biex jgħidilna jekk Triq Bronja hix triq residenzjali jew arterja. Jistax TM peress li fiha ħafna traffiku joħroġ bi pjan biex isolvu il-problema tat-traffiku. |
| | | |
| 4.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud:<br>• Il-Christmas Market ser isir fis-7 u 8 ta' Diċembru minflok kif kien previżt minħabba attivita oħra li ser issir mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM. Ser isir presepju ħaj fejn is-Salib fi Triq il-Kbira.<br>• l-attivita ta' San Martin ser isir fi ġnien il-Ġibjun, data titħabbar aktar tard.<br>• il-Christmas Market f'Bubaqra ser issir fit-12 ta' Diċembru. |

| | | |
|---|---|---|
| ***4.5*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MEMBRI TAS-SOTTOKUMITATI*** |
| | | |
| 4.5.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud semma lin-nies tas-sotto kumitat tiegħu u ġew approvati dawn l-imsemmija:<br>Elena Scicluna, Nanclyn Farrugia, Ingrid Caruana, Dorianne Georgieva, Kieran Mangion.<br><br>Ma kienx hemm aktar sotto kumitati ta' kunsilliera oħra. |
| | | |
| ***4.6*** | | ***BUST GĦAD UNUR DR MARIA SCIBERRAS*** |
| | | |
| 4.6.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fil-leġislatura preċedenti kien hemm qbil li jsir dan il-bust u li l-Aġenzija Sedqa kienu lesti li jgħatu l-għajnuna finanzjarja tagħhom.<br><br>Is-Sindku qalet li tkellmet mas-Sur Alfred Girxi tal-FSWS, fejn qal li għadhom ma ddeċidewx fuq l-isem tal-iskultur. Sa seduta oħra ser ikollna feedback fuq l-iskultur magħżul.<br>Kien hemm qbil li dan l-item jerġa jitla f'seduta oħra. |
| | | |
| ***4.7*** | | ***APPUNTAMENT GHAL-LAQGĦA MAL-GĦAQDA RESIDENTI TAŻ-ŻURRIEQ*** |
| | | |
| 4.7.1 | | Wara t-talba li l-Kunsill kellu mill-Għaqda Residenti Żrieraq, kien hemm qbil li jiġu mistiedna għas-seduta li jmiss.<br>Kien hemm qbil li tintalab l-aġenda tagħhom. |
| | | |
| ***4.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***4.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 4.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• talba mill-Kumitat għat-tismija tat-toroq biex it-triq ta' madwar ġnien żgħir fi Triq in-Nigret tingħata isem ieħor minflok Triq Isward Xuereb u Triq l-Iskulturi Fabri. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa isem ta' persuna. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu kemm bagħtilna linja gwida fuq it-tismija ta' toroq u waħda mill-punti tgħid li persunaġġi li mietu b'xi inċident fi kmamar tan-nar jew b'xi inċident ieħor jissemmew biss għal ġonna jew spazji rikreattivi mhux toroq. Is-Sindku ssuġġeriet li t-triq tiġi msemmija għal Klement Schembri. Kien hemm qbil li tiġib cv tiegħu.<br>• Residenta minn Triq Bronja qed toġġezzjona fuq ir-raised crossing li hemm quddiem il-pharmacy għax tagħmel ħafna storbju. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-8 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill kien bagħat ittra bieb bieb viċin il-pharmacy biex jara jekk ir-residenti jsibux oġġezzjoni għaliha, u ħadd ma oġġezzjona. Kien hemm qbil li tinżebaħ aktar spiss u jsiru xi florescent patches biex tidher iżjed. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ser issir attivita ta' tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq il-Belt Valletta, bejn iż-Żurrieq u Ħal Kirkop. Din ser isir fl-17 ta' Novembru, ġimgħa wara n-nofs maratona. Triq il-Belt Valletta ser tkun magħluqa mis-06:30am sas -14:00. Wara jkun hemm ċerimonja u għoti ta' premijiet. Dawn ser ikollhom insurance anke għal third party u risk assessment. Ser ikun hemm Vet preżenti u ambulanza.<br>Qed jitolbu l-għajnuna taż-żewġ kunsilli lokali fuq pulizija/wardens u barriers. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ser issir attivita ta' karozzi antiki fl-10 ta' Novembru. |
| | | |
| 4.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet lill-perit jagħmel survey ta' fejn hemm indikat li hemm żewġ shelters fi Triq il-Kbira. Halli jekk huma fi stat tajjeb ikun jista jibda x-xogħol biex jinfetħu. |
| | | |
| 4.9.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-uniformiji ilhom 4 snin ma jinbidlu u issa li għandna żewġ impjegati ġodda wasal iż-żmien li jerġgħu jsiru. Kien hemm qbil li jinżamm l-istess budget bħal ta' snin preċedenti. |
| | | |
| ***4.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 4.10.1 | | Il-minuti tar-Reġjun Punent numri 39. Il-minuti tar-Reġjun Punent numru 40. Dawn ġew approvati. |
| | | |
| ***4.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 4.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok1** għall-ammont totali ta' €160,743.57<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***4.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 4.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-18:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 16ta' Ottubru, 2024, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' OTTUBRU, 2024

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**